MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Numru. 1111/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Chama Ahmed Hared, 16 il-sena, nazzjonalita Somala, imwieled Kismayo is-Somalja fl-1 ta' Jannar 1997, iben Hared u Fadouma, residenti Dar is-Sliem, Santa Venera, numru moghti mill-pulizija 13P-094**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fl-10 ta' Novembru 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-puess tieghu Dokument ta' l-Istraniera, Karta tal-Identita u Permess tar-residenza mahruq minn awtorita kompetenti cioe` Dokument ta' l-Istraniera, Karta tal-Identita u Permess tar-residenza, mahruga f'isem Jaamac Ali Jaamac, bin-numri 664404, AT7320422 u 13RM054162 rispettivcament, ittrasferixxa dawn uid-dokumenti lil persuna ohra jew ircieva dawn id-

dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokumenti imsemmija, mahrug lil persuna ohra, (Kap 61, Sec4 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat huwa taht l-eta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi  migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum. .

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------